## EURAXESS Links

tipprovdi servizzi interattivi fuq l-internet għar-riċerkaturi Ewropej li jaħdmu barra pajjiżhom sabiex iżommu kuntatt bejniethom u mal-Ewropa.

Għad-dispożizzjoni tiegħek għandek forum fuq l-internet, bażi tad-data tar-riċerkaturi, twissija ta' posta elettronika u ċirkulari elettronika filwaqt li ta' spiss jiġu organizzati avvenimenti ta' networking għall-membri.

EURAXESS Links tipprovdi informazzjoni dwar opportunitajiet ta' xogħol fl-Ewropa, il-kollaborazzjonijiet transnazzjonali ta' riċerka u l-politiki Ewropej ta' riċerka.

Taħdem fl-Istati Uniti u fil-Ġappun, filwaqt li hemm il-ħsieb li tibda taħdem fiċ-Ċina. Is-sħubija hija b'xejn.

euraxess
LINKS

KI-81-08-365-MT-D

**"EURAXESS – Researchers in Motion"** hija l-aċċess għall-karrieri attraenti ta' riċerka fl-Ewropa u għall-provvista ta' talenti mill-aqwa ta' riċerka. Billi tappoġġa l-mobilità tar-riċerkaturi, l-EURAXESS tgħin ħalli tistabbilixxi lill-Ewropa bħala żona ta' eċċellenza fir-riċerka xjentifika.

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka tipprovdi opportunitajiet potenzjalment uniċi, mhux biss lir-riċerkaturi li qegħdin ifittxu li jimxu 'l quddiem fil-karrieri tagħhom f'pajjiż Ewropew ieħor, iżda wkoll lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi li qegħdin ifittxu talenti internazzjonali.

Kun parteċipant prinċipali fil-ħolqien ta' din iż-żona ta' eċċellenza billi tieħu l-opportunità li taħdem mal-aqwa akkademiċi u jkollok aċċess għal faċilitajiet ta' riċerka mill-aqwa.

http://ec.europa.eu/euraxess

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2008 - Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors originali

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA
Żona Ewropea tar-Riċerka

# Soluzzjonijiet għar-riċerkaturi



http://ec.europa.eu/euraxess

euraxess
RESEARCHERS IN MOTION

## EURAXESS Jobs

hija għodda ta' reklutaġġ faċli mingħajr ħlas.

Bħala riċerkatur, ser issib abbundanza ta' informazzjoni aġġornata kontinwament dwar postijiet battala, opportunitajiet ta' finanzjament u fellowships fl-Ewropa kollha. Jekk tqiegħed is-CV tiegħek fuq is-sit, tkun qed tippermetti lir-riċerkaturi jsiru jafu bik.

Bħala kumpanija jew istitut ta' riċerka, tista' titfa' l-informazzjoni dwar postijiet battala b'xejn u tfittex CVs tal-aqwa riċerkaturi internazzjonali.

Tista' wkoll ikollok aċċess dirett għall-portals nazzjonali tal-impjiegi tal-35 pajjiż imsieħeb li jinkludu informazzjoni dwar impjiegi ta' riċerka u opportunitajiet ta' finanzjament kif ukoll dwar servizzi personalizzati f'kull pajjiż.

## EURAXESS Services

hija netwerk ta' aktar minn mitejn ċentru li jinsabu f'35 pajjiż Ewropew.

Bħala riċerkatur, dawn iċ-ċentri jassistu lilek u lill-familja tiegħek sabiex tippjana u torganizza ċ-ċaqliqa tiegħek lejn pajjiż barrani. Dan is-servizz personalizzat u bla ħlas ser jgħinek tiffaċċja kwistjonijiet bħal akkomodazzjoni, permessi tal-viża u tax-xogħol, lezzjonijiet tal-lingwa, skejjel għal uliedek, sigurtà soċjali u kura medika.

Hemm għad-dispożizzjoni tiegħek tim ta' staff informat tajjeb. Sib ċentru ta' EURAXESS Services viċin tiegħek u aqra xi wħud mill-istejjer ta' suċċess.

## EURAXESS Rights

tipprovdi l-informazzjoni kollha dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Ingaġġ tar-Riċerkaturi.

Il-Karta tistabbilixxi d-drittijiet u d-dmirijiet tar-riċerkaturi, kif ukoll tal-istituzzjonijiet ta' riċerka u ta' finanzjament.

Il-Kodiċi għandu l-għan li jassigura trattament indaqs għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u jżid it-trasparenza fl-ingaġġ tagħhom.

Numru kbir ta' istituzzjonijiet prominenti ta' riċerka diġà huma firmatarji tal-Karta u tal-Kodiċi: kun af min huma fis-sezzjoni tal-Firmatarji.

euraxess JOBS

euraxess SERVICES

euraxess RIGHTS